MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 238/2012

**Swaey Bros Limited (C5591)**

**vs**

**F.G.S. Construction Limited (C17794)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Lulju 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' sebat elef u sitta w erbghin Ewro u erbgha Ewro centezmi (€7,046.04) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kiri ta' crane u servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' mittenti, fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta skond ma jirrizulta mill-annessi statements (Doks. 'SB1' u 'SB2') u invoices relattivi (Dok 'SB3' sa Dok 'SB5').

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezenti sal-jum tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li qed jigu ingunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Rat illi is-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall Carmel Gauci datata 27 ta' Lulju 2012 fejn thalliet kopja ta l-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 9 tergo).

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2012 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-atturipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tad-19 ta' Settembru 2012.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2012 is-socjeta' konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Ghalhekk, il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sebat elef u sitta w erbghin Ewro u erbgha Ewro centezmi (€7,046.04) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------